MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Numru. 367/2001

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO BONELLO**
**VS**
**MARIO DEGABRIELE**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mario Degabriele ta’ 38 sena bin Dominic u Jane nee’ Magri, imwieled Sliema fl-14 ta’ Frar, 1963 u joqghod Marulana, Triq il-Birbal, Balzan, li ghandu karta ta’ identita’ numru 127163M, talli b’diversi atti maghmulin ukoll jew fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda u cioe’ talli matul il-lejl ta’ bejn is-7 u t-8 ta’ April, 2001 gewwa Hal Balzan volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin izda hija izjed minn hamsin lira Maltin ghad-detriment ta’ Peter Portelli minn Hal Balzan;

Talli fil-11 ta’ Gunju, 2001 ghal habta ta’ 11.00am gewwa Hal Balzan volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u liema hsara teccedi l-ghaxar liri Maltin ghad-detriment ta’ Shirley Chircop minn Hal Balzan;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta li l-pulizija gew imsejjha jaghtu assistenza fi Triq Birbal, Balzan minn Peter Portelli li sostna li l-garr tieghu (l-imputat) kien ghamillu hsara fil-karozza tieghu u li dan kien inqabad infragrante minn hatnu Sebastiano Calabretta.

Meta gie mitkellem Calabretta, dan qal lil PC 1122 Rizzo “ra lil Mario Degabriele idur mal-karozza b’oggett f’idu imiss il-karozza”, ara fol. 10. PC 1122 kellem lill-imputat li cahad li ghamel xi hsara fuq il-karozza izda ammetta li huwa kien hareg idur mal-karozza halli jara ta’ min kienet ghaliex il-familja tieghu kienet vittma ta’ “break in” u qal li kellu arrangamenti mad-Depot li hadd ma kellu jipparkja quddiem id-dar tieghu, u dana minkejja l-fatt li ma kien hemm ebda sinjal ta’ “reserved parking” quddiem id-dar ta’ l-imputat.

PC 1122 xehed illi ‘l ghada filghodu l-imputat kien kellmu u qallu li kienu daru ghalih fil-lejl ta’ qabel.  Mistoqsi jekk kienx il-kwerelanti, martu jew hatnu Calabretta, l-imputat sostna li kienet persuna ohra. Ghalhekk PC1122 talab lill-imputat jgib certifikat mediku.

PC 1122 rega' investiga lil Portelli u martu u ma rrizultalu prezenza ta' ebda persuna ohra. PC 1122 ikkonferma li Portelli qallu b'incidenti ohrajn antecedenti fejn l-imputat kien jipretendi li hadd ma jipparkja quddiem id-dar tieghu u dwar incidenti fejn sabu hsarat fuq il-karozzi taghhom.

In kontro ezami PC 1122 xehed illi l-incident sehh fit-12.00am. Gie konfermat li Calabretta gharaf il-persuna li kien instab b'oggett f'idejh imiss il-karozza ta' Portelli, ara fol. 16. PC 1122 ivverifika wkoll mal-Licensing Office, mad-Depot u mal-Kunsill u ma jirrizultax li l-imputat kellu xi "reserved parking" quddiem id-dar tieghu.

Peter Portelli xehed illi huwa sid karozza numru LAD 121, Kia Avella u li dakinhar ta' l-incident kien ipparkja l-karozza quddiem id-dar ta' l-imputat. Xehed illi dak il-lejl kellu membri tal-familja ghandu ghac-cena, cioe' oht il-mara tieghu u zewgha u wara li dawn hargu, sema' l-qanpiena tad-dar iddoqq b'mod allarmanti u lil oht l-mara twerzaq. Meta fetah il-bieb sab lir-ragel taghha (Calabretta) jikwistjona mal-gar tieghu l-imputat. Il-konjugi Calabretta qalulu li sabu lill-imputat jobrox il-car tieghu u cempel ghal-pulizija. Portelli xehed (a fol. 26) li sab il-karozza migrufa u produca stima ta' Lm370 minn Oriental Garage, Zabbar. Xehed ukoll illi l-ewwel darba li pparkja l-karozza quddiem l-imputat, sab puncture u gew mwiddeb minn gar iehor biex ma jipparkjax quddiem d-dar l-imputat. Xehed ukoll illi gieli sab grif fuq il-karozza l-ohra tax-xoghol bin-numru GAN 514.

Portelli in kontro ezami qal li Calabretta kien sab lill-imputat jitbaxxa mal-karozza tieghu b'xi haga tleqq f'idu qed idur mal-karozza. L-istima tal-hsara giet esebita bhala Dokument PP a fol. 32.

Sebastiano Calabretta xehed illi huwa r-ragel ta' oht il-mara ta' Peter Portelli u fil-lejl ta' l-incident hu u martu kienu marru jiccenaw ghand Portelli. Meta waslu biex imorru d-dar hargu minghand ta' Portelli u Calabretta mar ghall-karozza tieghu, meta ra lill-imputat, li kien qieghed b'idejh b'ponn b'sebgha l-kbir mgholli 'l fuq bhal meta wiehed ikun qed ikaxkar oggett ma' oggett iehor.

Calabretta ghajjatlu u saqsieh x'kien qed jaghmel waqt li martu marret ghand ta' Portelli taghti l-alarm. Gew il-pulizija fuq il-post u Calabretta irrakkonta dak kollu li kien ra lill-pulizija.
Calabretta ma setax jippreciza l-oggett li kellu f'idejh l-imputat, izda haseb li setghet kienet xi cavetta. Calabretta xehed ukoll li nduna li l-karozza ta' Portelli kienet migrufa fuq naha wahda kollu u li l-grif kienu friski, ara fol. 37.

Louise Portelli, mart il-kwerelant, ikkollaborat ix-xhieda ta' zewgha (a fol. 39). Ikkonfermat il-grif ta' madwar il-karozza kollha, il-fatt li l-imputat kien jipretendi li hadd ma seta' jipparkja quddiem id-dar tieghu, u li hija qatt ma rat lill-imputat jigref xi karozza. Louis Portelli kkonfermat ukoll li gieli sabet ir-roti tal-karozza taghha xlajsjati. Xehedet ukoll illi Calabretta qal lill-imputat fil-prezenza taghha li rah jobrox il-karozza. Louise Portelli kkonfermat li kien hemm id-dawl tat-triq mixghul.

PC 143 Grech ikkorrabora x-xhieda ta' PC 1122, u qal li waqt li l-pulizija kienu jkellmu l-familja Portelli, kien hareg l-imputat eccitat u agressiv u kellhom imorru jwaqqfuh, (ara fol. 50).

PS 1377 Cilia ikkonferma li Portelli kien dahhal rapport iehor fil-11 ta' Gunju, li l-imputat kien dahal bil-vettura tieghu mghammra b'bull bar, fil-karozza ta' Shirley Portelli li toqghod Hal Balzan, u li kien qalilha biex ma tipparkjax quddiem daru "ghax ser nibqa' naghmillek dawn l-affarijiet". Giet esebita okkorrenza relevanti a fol. 53.

Fit-tieni xhieda tieghu, Calabretta rega' tenna l-istess verzjoni, (ara fol. 58). Ikkonferma li waqt li hu, Calabretta, kien miexi lejn il-karozza tieghu l-imputat kien qed idur ma' karozza b'oggett tal-metall li ma setax jidentifika.

Patricia Calabretta taghti t-testimonjanza taghha a fol. 63 u kkonfermat li kienu marru jiccenaw ghand ohtha li toqghod Birbal Street, Balzan, u meta hargu sabu lill-imputat qed idur mal-karozza ta' Louise Portelli. Patricia xehedet li kienet diga' qabdet lill-imputat qieghed inizzel it-

tyre ta’ karozza ohra fil-passat. Meta avvicinawh setghu jaraw li l-imputat kellu xi haga f’idejh u li kien idur mal-karozza. Meta gibdulu l-attenzjoni l-imputat beda jilmenta li hadd ma seta’ jipparkja quddiem id-dar tieghu. Patricia Calabretta gharfet lill-imputat fl-Awla bhala l-persuna li sabet iddur mal-karozza ta’ ohtha u minn hemm marret taghti l-alarm.

Brian Farrugia mill-Licensing Office a fol. 76 ikkonferma li l-karozza Kia Avella bin-numru JBC 846 tghajjat lil Shirley Chircop minn Hal Balzan u li l-karozza ALF 121 Kia Avella tghajjat lil Marie Louise Portelli u dan fid-dati ta’ l-akkuzi.

Shirley Chircop a fol. 84 xehedet illi hija kienet ipparkjat il-karozza taghha f’nofsinhar u harget id-dar fis-saghtejn, meta l-karozza ta’ l-imputat kienet dahlet fiha, sabet hsarat fuq il-bumper. Cemplet lill-pulizija izda dawn ma kellhomx trasport, allura hadet ritratti tal-hsarat. Shirley Chircop ma produciet ebda stima tal-hsarat.

L-imputat Mario Degabriele a fol. 85 et seq xehed illi dakinhar kien ghadu kemm irritorna minn gurnata xoghol bhala auto technician fit-trade school u kien dahal jorqod f’xi l-10.30pm. Xehed illi qam ghaliex sema’ hoss ta’ karozza tistartja u haseb li l-karozza li kienet ipparkjata quddiem id-dar tieghu, kienet imxiet u allura seta’ jipparkja l-karozza tieghu minflokha. Meta hareg pero’, sab li l-karozza ta’ Louise Portelli, gara tieghu, kienet ghadha quddiem id-dar tieghu. Sab ukoll illi Calabretta kien caqlaq il-karozza l-ohra ta’ Portelli. “Calabretta gie fuqi u qalli xi trid”. L-imputat saqsieh jekk il-karozza quddiem id-dar tieghu kienetx taghhom sabiex jekk jistax ikun iressqu din il-karozza sabiex jipparkja tieghu inkella ma jkunx jista’ jorqod. “Fil-pront nara gej mill-boghod ragel bit-track suite blue li ma semmiex il-Qorti, flimkien ma’ mara ohra, sitta kienu u bdew ikellmuni hazin, joffenduni b’ommi u bil-familja”.

L-imputat a fol. 99 jghid li dan it-Tunezin hareg mid-dar ta’ Portelli u beda itih go rasu u baqa’ jtih go rasu u kien beda ser jindahal l-iehor biex isawtu wkoll. Mitlub jghid min

kienet din l-ahhar persuna, l-imputat jghid (a fol. 100) li kien Calabretta.

Mitlub ripetutament jghid jekk u kif sawtu Calabretta, l-imputat stqarr li fil-fatt Calabretta kien imbuttah biss. Mitlub jghid jekk ghamilx rapport dwar dan kollu, l-imputat stqarr li kien mar 'l ghada. Mitlub jghid ghaliex ma qalx dan kollu liz-zewg pulizija li gew minuti wara li sehh l-incident, l-imputat jirrispondi li l-pulizija ma tawx kasu. L-imputat xehed illi fit-23 sena li kien joqghod Hal Balzan "qatt ma kien hemm tyre mifqugh, la tieghi u lanqas tan-nies". L-imputat umbaghad xehed illi hu u l-genituri tieghu gew misruqa fl-1997 u l-hallelin kienu l-ewwel hallew il-van ipparkjat quddiem darhom umbaghad kienu attakkaw u ferew lil missieru b'sikkina, u kien ghalhekk li kien dejjem jishaq li jipparkja l-karozza tieghu quddiem il-bieb tad-dar tieghu.

Xehed ukoll illi f'Mejju tal-2000 waqt il-kwistjoni tat-Tarzna kienet giet karozza b'erba' rgiel u bdew jitkellmu u jippjanaw kif ser jaharqu l-karozza ta' Portelli, liema karozza kienet ipparkjata quddiem id-dar ta' l-imputat.
In kontro ezami l-imputat ammetta li sallum il-gurnata, "reserved parking" quddiem id-dar tieghu ma kellux. Ammetta wkoll li certifikat mediku tas-swaqt li qala' mit-Tunezin m'ghamilx. Mistoqsi, jinnega li barax jew ghamel hsara fuq il-karozza ta' Portelli. Jinnega wkoll li faqa' jew nizzel xi tyres ta' karozzi u ammetta li nizzel it-tyre tal-karozza tieghu stess, (ara fol. 110), biex din ma tigix irmunkata mill-pulizija. Gew esebiti notamenti tal-imputat a fol. 113.

PS 112 Rizzo a fol. 131 xehed illi l-imputat kien informah 'l ghada wara nofsinhar li xi hadd kien aggredieh. Xehed illi baghat lill-imputat jaghmel certifikat izda dan ic-certifikat qatt ma wasal. Di piu' ghamel enquiries mal-girien sabiex jara jekk semghux xi haga u hadd mill-girien ma ra jew sema' xejn. PS Rizzo ma setax jiftakar jekk l-imputat qallux il-persuna li agredietu kienetx Tunezina. Lanqas ma semmielu li dan it-Tunezin hareg mid-dar ta' Portelli. PS Rizzo xehed li ma jahsibx li saret search fuq il-persuna ta' l-imputat.

Illi l-konfront bejn Portelli u l-imputat jitkellem wahdu.

Ikkunsidrat:

Illi mill-fatti fuq esposti huwa evidenti li l-kaz jippernja kompletament fuq materja ta' kredibilita' tal-protagonisti tal-kaz. Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat u ezaminat l-artikolu 637 tal-Kap 9 li jipprovdi:

**"l-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 630, 633 u 636 jolqtu biss il-kredibilita' tax-xhud u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti billi jittiehed qies ta' l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew jekk hijiex konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda ohra, jekk ix-xhieda hijiex imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz".**

Illi mill-ezami dettaljat u bir-reqqa tat-testimonjanza kollha tal-kaz, il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li hija l-verzjoni ta' Portelli u Calabretta li hi kredibbli, vero simili u fuq kollox ghandha mis-sewwa. Dan qieghed jinghad ghaliex ix-xhieda ta' Peter u Louise Portelli kienet wahda preciza , fokata u minghajr xinxilli. Hemm ukoll ix-xhieda ta' Calabretta li hija meqjusa, u cara, minghajr esagerazzjonijiet.

In kuntrast ix-xhieda ta' l-imputat li kien agitissimu meta waslet il-pulizija, kienet wahda ta' inizjalment xotta, li pero' sa 'l ghada filghodu, saret imzewqa sew. Infatti gie introdott Tunezin u mara mhux maghrufa, u giet ntrodotta glieda li fiha suppost l-imputat qala' xebgha sew go rasu minn Tunezin li allegatament hareg mid-dar ta' Portelli. E pure l-imputat ma qal xejn liz-zewg pulizija li kienu ser ikunu l-ewwel sokkors ghalih; Eppure l-imputat stenna sa 'l ghada wara nofsinhar biex jaghmel rapport; Eppure l-imputat ma gab ebda certifikat mediku tal-griehi.

Issa, PS Rizzo ma ra ebda griehi fuq il-persuna ta' l-imputat 'l ghada tal-incident. B'dana kollu fl-isfond ta' serje ta' hsarat fuq il-karozzi ta' Portelli u ta' gara ohra,

jimmilitaw kontra l-fantasija li prova jpingi l-imputat sabiex jiskolpixxi lilu nnifsu.

Dak pero' li m'huwiex fantasia huwa t-trawma kerha li garrab l-imputat meta dahlulu fid-dar tieghu u taw b'sikkina lil missieru anzjan. Dak li mhux fantasia huwa l-fatt li din is-serqa grat meta l-hallelin ipparkjaw il-van taghhom quddiem id-dar ta' l-imputat. Din it-trawma, kkawzat fl-imputat ossessjoni, frott tal-biza' tremend li ghandu ghall-impotenza tieghu li jiprotegi genituri anzjani f'hin ta' bzonn. Infatti fi kliem l-imputat "issa jiena f'dik it-triq dejjem rufjun ta' kulhadd bil-Malti", (ara fol. 96), "forsi tressquha, ha nressaq tieghi u nidhol norqod, ghalhekk nibqa' mqajjem jien", (ara fol. 98).

Illi ghaldaqstant filwaqt li ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza, mhux hati tat-tieni akkuza stante nuqqas kompletament ta' provi dwar hsarat li saru, li din il-Qorti qed tilliberah minnha, u wara li rat l-artikoli 325 u 28A tal-Kap 9 tikkundanna lill-imputat ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn. In oltre l-Qorti tirrakomanda u theggeg lill-Kunsill Lokali sabiex jakkordja r-"reserved parking" quddiem id-dar tal-genituri anzjani ta' l-imputat ghar-ragunijiet fuq indikati.

In oltre tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-Kunsill Lokali ta' Hal Balzan.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------